**KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA**
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

TAS-SLIEMA

**TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL**
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

## LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 14

L-erbatax il-seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar il-Ħamis 2 ta' April 2020 fis-6pm. Il-laqgħa saret 'remotely' minħabba ċ-ċirkostanzi preżenti u n-neċessita ta' social distancing.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Graziella Attard Previ | Vici Sindku |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Anton Debono | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Kevin Wain | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Vivian Galea Pace | Kunsillier |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| **ASSENTI** | n/a | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal/D.Seg Eż |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-18.00:*

*14.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*
*14.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*14.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*14.5 Rapporti ;*
*14.6 Mizuri dwar is-sitwazzjoni prezenti COVID 19*
*14.7 Items ohra ta' xoghol tal-Kunsill;*
*14.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati;*
*14.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*14.10 Mozzjonijiet;*
*14.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 14.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

14.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-kunsilliera V.Galea Pace, K.Wain u E.Borg talbu biex ikunu skuzati minħabba li ma kellomx mezz biex jipparteċċipaw online.

## 14.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

14.2.1 Saru l-korrezzjonijiet kif huma indikati fuq id-dokument oriġinali. *Minuti nru 13*

14.2.2 B'referenza għall-punt 13.2.4 l-kunsillier P.Radmilli qal illi intbagħtet l-appell *Appell: Guze Howard*

14.2.3 B'referenza għal punt 13.2.7 is-Sindku qal illi fil-fehma tiegħu, avolja ma kienx hemm qbil mill-Parroċċi biex din l-attivita ssir, meta l-pajjiz tfieq mill-problema tal-COVID 19 għandna nippjanaw għall-attivita simili. Il-kunsillier P.Portelli qal illi pellegrinaġi jistgħu jsiru fil-preżent u dik tista tiġi kkunsidrata. *Attivita: 15/05/2020*

14.2.4 Il-kunsillier A.Debono ippropona li l-Minuti nru 12 jiġu approvati. Il-kunsillier K.Wain ssekondaħ. Il-Kunsill qabel. *Approvazzjoni tal-Minuti nru. 13.*

## 14.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

14.3.1 Is-Sindku qal illi l-iskema biex niġbru u nagħmlu delivery tal-ikel intogħġob ħafna u hemm domanda pjutost qawwija għas-servizz. Il-kunsillier P.Radmilli ppropona li meta jsiru d-deliveries, il-ħaddiema jmorru bil-maskli *PAMA*

14.3.2 Is-Sindku qal illi hemm kumpanija tal-karozzi, CarToGo li lesti joffru karozza għall-Kunsill f'dawn iz-zminijiet li għaddejjin minnhom bħalissa. Il-Kunsill qabel illi nuzaw is-servizz jekk neċessarja. *CarToGo offerta*

14.3.3 Is-Sindku qal illi rċieva minn Doctors Online fejn talbu l-assistenza tal-Kunsill biex nippromwovu l-assistenza tagħhom fejn hemm tobba li qegħdin jagħtu servizz tagħhom online. Kien hemm qbil illi din isir via l-facebook tal-Kunsill. *Doctors Online*

14.3.4 Is-Sindku qal illi l-kumpanija Chemimart offrew 100 pakkett ta' prodotti li għandom x'jaqsmu ma affarijiet bażiċi li huma bzonnjuzi biex dawn jittieħdu minn familji li għandom bzonnijiet speċjali fil-lokalita. Is-Sindku qal illi għandna naraw mall-kappliani li jkunu jafu ċerti familji li qegħdin jgħixu b'diffikultajiet bħalissa, izda talab ukoll l-assistenza tal-kunsilliera jekk jafu dwar familji li għandom bzonn ftit għajnuna. *Chemimart*

## 14.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

14.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

## 14.5 RAPPORTI

14.5.1 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi l-problema dwar il-ħin tal-ġbir tal-iskart xorta qed isemma fir-rapporti, cioe li jiġbru qabel il-ħin. Is-Sindku fakkar dwar il-problemi li hemm u d-dikussjonijiet li saru mall-onor. Aaron Farrugia. Qal ukoll illi waqt illi hu kontra li jaħdmu kif jixtiequ huma, avolja hemm bzonn l-assistenza ta' WasteServ minħabba l-problema, bħalissa mhux iz-zmien illi niġġieldu mall-kuntrattur meta hemm bzonn is-servizz izjed minn qatt qabel. Din

ma tfissirx illi m'għandniex infakkruh fuq l-obbligi tiegħu.

## 14.6 MIZURI DWAR IS-SITWAZZJONI PREZENTI COVID 19

14.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta rendikont tal-miżuri li ttieħdu minħabba l-problema ta' COVID 19. Fosthom:

- Nies ma jidħlux quddiem l-istaff
- Saret il-perspex avolja din saret għall-long term u mhux sempliċiment minħabba ċ-ċirkostanzi kurrenti
- Qegħdin jingħataw servizzi via t-telefon u nħeġġu n-nies biex kemm jista jkun ma joħorġu mid-dar
- Bdejna delivery tal-ikel mill-PAMA/PAVI u anka ta' POYC
- Bħala staff biex naqqasna l-ammont ta' nies li hemm ġeww, kif ukoll biex in-nies jaraw illi hemm inqas membri u jevitaw li jiġu meta jistgħu jċemplu, issa qegħdin naħdmu bi skeleton staff. Izda hawn is-Segretarju Eżekuttiv qal illi deħlin ħafna telefonati u għalhekk se niżdiedu xorta, ħlief għal min għanda tibqa mid-dar, waqt illi kull membru se jkollu mobajl fejn il-linji jiġu trasferiti għall-mobajls biex jirrispondu mid-dar.
- Saru tests għall-istaff u kunsilliera li esprimew ix-xewqa li jkunu ttestjati wkoll. Dan għalhiex staff kienu qegħdin jiffaċċjaw in-nies fil-bidu tal-problema.

14.6.2 Kull kunsilliera għandom sa nhar il-Ġimgħa 13 ta' Marzu biex jibagħtu write-up fuqhom u fuq id-dekasteri tagħhom.

*Bord ta' fondi*

## 14.7 ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL IEĦOR TAL-KUNSILL

14.7.1 Il-kunsillier J.Pillow qal illi la ġejna nformati li triq it-Torri mhix se ssir, għandna nibagħtu lil IM biex jirranġaw il-culverts li għattew, u li niżlu, meta għamlu layer tarmakk IM sena ilu. Fakkar illi l-Kunsill ħallas €18,000 għax-xogħol u għandom jinzammu responsabbli.

14.7.2 Il-kunsillier P.Radmilli qal qed ikun hemm ħafna posts fuq 'slime' fil-baħar u ma nafux min fejn ġej jew għalfejn qed tidher. Qal illi saru testijiet fil-passat izda qatt ma ingħatajna r-riżultati. Issuġerixxa li nibdew nieħdu samples li jiġu ttestjati minn laboratorju privat, u nivverifikaw l-informazzjoni biex inkunu f'pożizzjoni biex nagħtu l-informazzjoni li jixtiequ n-nies. Il-Kunsill qabel.

14.7.3 Il-Viċi Sindku staqsiet jekk is-slielem tal-baħar se jsiru malajr ħalli ma jdumux bħal ma kien il-każ is-sena l-oħra. Is-Sindku fakkar illi dawn ix-xogħolijiet isiru minn 2 entitajiet oħra u dejjem jippruvaw jaqduna malajr. Il-kunsillier J.Pillow qal illi dawn m'għandomx isiru qabel Ġunju għax jekk isiru qabel ma tippermetti l-baħar, ma jinstabux hemm l-għada.

14.7.4 Is-Sindku qal illi wara li tneħħew l-istands tal-leaflets li saru illegalment madwar il-lokalita, sid ta' dawn l-istands ċempel u għandu jiġi l-Kunsill biex jitkellmu fuq il-problemi, kif ukoll il-flejjes li għadu ma ħallasx.

14.7.5 Is-Sindku talab illi kull tlett xhur tintbagħat rapport tax-xogħolijiet kollha li saru fil-perjodu.

**Il-kunsillier D.Muscat wasal għall-ħabta ta' 8.45pm. Il-kunsilliera I.Fenech telqet fl-istess ħin**

## 14.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITAT U/JEW SOTTO KUMITATI

14.8.1 Il-kunsillier P.Radmilli semma l-punti tal-laqgħa li nzammet nhar it-Tnejn 24 ta' Frar. Ir-rapport qegħda meħmuza ma dawn il-Minuti. Is-Sindku rringrazzja lis-sur Radmilli għax-xogħol u għas-serjeta tiegħu fit-tmexxija tal-bord. Il-Kunsill approva r-rapport.

## 14.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

14.9.1 Il-kunsillier J.Pillow qal illi fil-fehma tiegħu għandna noħorġu kuntratt għalina għad-dawl u mhux naħdmu mall-Joint Committee. Qal hemm nuqqas ta' kontroll u l-affarijiet għandom iknu taħt idejna. Is-Sindku qal illi l-ewwel għandna naraw fejn wasalna għax qatt ma kien hemm diskussjonijiet u kulħadd jaf illi t-tender ilha li skadiet tar-Reġjun izda kien hemm qbil illi tender toħroġ f'każ illi m'hemm l-ebda rabta mall-Joint Committee.

B'referenza għall nru 48 il-kunsillier J.Pillow qal illi l-kuntrattur diġa kien għamel xogħol u ma jaqbilx illi inħallsuh. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien intqal li x-xogħol sar minn kuntrattur ieħor fil-passat, u dan kien kuntrattur ġdid. Qal se jzomm il-pagament għar-raġuni li xorta qed tagħmel ħsejjes meta jagħdu karozzi [culvert].

Il-Kunsillier A. Debono ppropona li l-iskeda ta' pagamenti tiġi approvata. Il-Kunsillier W. Vella Baldacchono issekondaħ. Il-Kunsill qabel.

## 14.10 MOZZJONIJIET

14.10.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

## 14.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

14.11.1 Is-seduta ntemmet fid-21.45. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar 5 ta' Mejju 2020.

Minuti approvati llum nhar it-Tlieta 5 ta' Mejju 2020

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Anthony Chircop** | **Anthony Attard** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |